**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta 30 ta' Settembru, 2016

Talba Numru: 2/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 1

**Bank of Valletta p.l.c (2833)**
**1/5, Misrah San Gorg, Valletta VLT 1190**

**Vs**

**Keith Oliver Blackwell (K.I.Nru 497385M)**
**Oasis Court Flat 1,**
**Triq l-Alka,**
**San Pawl il-Bahar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-05 ta' Jannar, 2016 li permezz taghha l-Bank attur talab il-hlas ta' elfejn wiehed u hamsin ewro u sebgha u hamsin

ewro (€2,051.57c) minghand il-konvenut flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' Dicembru, 2015 sal-jum tal-pagament effettiv.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-Bank attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-Bank attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba tal-istess Bank attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-Bank attur is-somma ta' elfejn u wiehed u hamsin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€2,051.57c) flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' Dicembru, 2015 sal-jum tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**